**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004"**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE u l-Iżvizzera)**

*[COM(2016) 815 final — 2016/0397 (COD)]*

(2017/C 345/14)

Relatur: **Philip VON BROCKDORFF**

Korelatur: **Christa SCHWENG**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Il-Kummissjoni Ewropea: 17.2.2017 |
| | Il-Kunsill: 15.2.2017 |
| Bażi legali | Artikolu 48 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja | 5.7.2017 |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza |
| Adottata fis-sezzjoni | 13.6.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 5.7.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 527 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 135/2/1 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE huwa tal-fehma li l-Proposta għal Regolament ġdid dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali għandu jkollha l-għan li tiffaċilita l-moviment tal-persuni li qed ifittxu impjieg u l-ħaddiema, u mhux tirrestrinġih. Ir-raġuni għal dan hija li koordinazzjoni iżjed effettiva tas-sigurtà soċjali tiffaċilita l-moviment liberu tal-ħaddiema billi jiġu pprovduti benefiċċji kemm lill-ħaddiema (l-iżvilupp tal-ħiliet u adattabilità mtejba) kif ukoll lil min iħaddem (forza tax-xogħol motivata b'għarfien tekniku). Hija tgħin ukoll lill-ekonomija inġenerali billi tindirizza disparitajiet fl-impjieg bejn l-Istati Membri tal-UE u tippromovi allokazzjoni aktar effiċjenti tar-riżorsi umani, kif ukoll tikkontribwixxi għat-tkabbir u l-kompetittività tal-UE.

1.2. Regoli li jiffunzjonaw tajjeb u jkunu ġusti għal dawk li huma mobbli, iżda wkoll għal dawk li mhumiex, huma fatturi importanti għall-aċċettazzjoni politika tal-mobilità. Il-KESE jsostni li l-għan ta' dan l-eżerċizzju għandu jkun li jintlaħaq bilanċ ġust bejn il-pajjiżi ta' oriġini u dawk ospitanti.

1.3. F'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet li japplikaw għal ċittadini li huma intitolati "jesportaw" il-benefiċċji għall-kura fit-tul meta jmorru barra l-pajjiż, il-KESE huwa tal-fehma li r-regoli l-ġodda jagħtu liċ-ċittadini protezzjoni aħjar f'sitwazzjonijiet transkonfinali. Madankollu, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li r-regoli l-ġodda ma jistabbilixxux intitolament ġdid għal kura fit-tul f'kull Stat Membru, għax dan jiddependi mill-eżistenza ta' tali servizzi fil-pajjiż ospitanti.

1.4. Il-KESE jinnota li l-Proposta għar-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali u d-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema huma t-tnejn rilevanti għall-mobilità tal-forza tax-xogħol. Madanakollu, peress li ż-żewġ strumenti jittrattaw kwistjonijiet distinti, il-KESE jibża' li r-referenza għad-definizzjonijiet tal-proposta għar-reviżjoni tad-direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema fir-regolament dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali fil-fatt ser toħloq inqas ċarezza legali fil-prattika.

1.5. Il-KESE jinnota li r-rekwiżit propost biex ħaddiem kwalunkwe jaħdem mill-inqas 3 xhur fl-Istat Membru ospitanti qabel ma jista' jikkwalifika għall-benefiċċji tal-qgħad ser iddewwem "l-aggregazzjoni tal-perjodi" li tagħti dritt għall-benefiċċji. Filwaqt li dan jista' jagħmel ir-regoli aktar ġusti għall-pajjiżi ta' destinazzjoni, jista' wkoll jinfluwenza b'mod negattiv il-motivazzjoni għall-mobilità.

1.6. Għall-KESE mhuwiex ċar kif il-proposta biex jiġi estiż il-perjodu għall-"esportazzjoni" tal-benefiċċji tal-qgħad mit-3 xhur ta' bħalissa għal 6 xhur tista' effettivament toffri opportunitajiet ta' impjieg għall-persuni li qed ifittxu impjieg, peress li dan ser jiddependi mis-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol, li tvarja minn pajjiż għal ieħor.

1.7. Il-KESE jsostni li konverġenza akbar mil-lat tal-benefiċċji, l-aggregazzjoni u l-attivazzjoni għandha tgħin biex ittejjeb u tiffaċilita l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali. Barra minn hekk, is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi għandhom ikunu iktar effettivi fl-appoġġ li jagħtu lill-persuni mobbli li qed ifittxu impjieg sabiex isibu impjieg adatt.

1.8. Il-KESE jappella għal impenn aktar b'saħħtu min-naħa tal-Istati Membri sabiex tiġi ffaċilitata l-għażla li ċ-ċittadini mobbli li huma ekonomikament inattivi jitħallew jikkontribwixxu b'mod proporzjonat u b'konformità mal-prinċipju tat-trattament indaqs għal skema għall-kopertura tas-saħħa/kontra l-mard fl-Istat Membru ospitanti. L-Istati Membri għandhom iqisu wkoll il-vantaġġi meta jospitaw ċittadini mobbli b'mod ġenerali, anke dawk li huma inattivi iżda, b'mod jew ieħor, xorta waħda jikkontribwixxu għall-ekonomija (u d-diversità kulturali) tal-pajjiż ospitanti.

1.9. Fl-aħħar nett, il-KESE huwa tal-fehma li xejn fir-regoli l-ġodda proposti ma għandu jirrestrinġi d-drittijiet fundamentali rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

## 2. **Il-bidliet proposti fir-regoli dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali**

2.1. Hekk kif is-suq transkonfinali tax-xogħol qed ikompli jevolvi, u qed jinbidlu s-sistemi tas-sigurtà soċjali nazzjonali, hemm ħtieġa ċara għal aġġornament jew aġġustament tar-regoli eżistenti. Apparti l-ħtieġa għal metodi aktar sempliċi u eħfef ta' infurzar, dan huwa l-ħsieb wara l-bidliet proposti kif imressqa mill-Kummissjoni Ewropea fil-Komunikazzjoni tagħha tat-13 ta' Diċembru 2016.

2.2. Din il-proposta għandha l-għan li tipprovdi ċarezza u regoli ġusti u infurzabbli sabiex jiffaċilitaw il-mobilità tal-forza tax-xogħol. Il-moviment liberu tal-ħaddiema jibqa' wieħed mill-pilastri ewlenin tas-suq intern. Madankollu, l-awtoritajiet nazzjonali qed jitħeġġu wkoll jiġġieldu l-abbuż jew il-frodi tal-benefiċċji.

2.3. Il-bidliet prinċipali proposti jkopru:

(i) L-esportazzjoni tal-benefiċċji tal-qgħad: Il-perjodu ta' "esportazzjoni" tal-benefiċċji tal-qgħad (meta l-benefiċċji jiġu "esportati" lejn Stat Membru ieħor meta wieħed ikun qed ifittex impjieg) għandu jiġi estiż minn perjodu minimu ta' 3 sa 6 xhur, bil-possibbiltà ta' estensjoni ulterjuri għall-bqija tal-perjodu ta' intitolament.

(ii) Meta ssir il-valutazzjoni dwar jekk persuna li qed tfittex impjieg tikkwalifikax għall-benefiċċji tal-qgħad, l-Istat Membru ser jintalab jivverifika u jikkunsidra kwalunkwe perjodu preċedenti ta' assigurazzjoni fi Stati Membri oħrajn (bħalma huwa fil-każ tar-regoli attwali). Madankollu, dan huwa possibbli biss jekk il-persuna kkonċernata tkun ħadmet f'dak l-Istat Membru għal mill-inqas 3 xhur (il-proposta ġdida). Jekk il-persuna ma tikkwalifikax, l-Istat Membru fejn qabel kienet impjegata ser ikun responsabbli biex iħallas dawn il-benefiċċji.

(iii) Benefiċċji tal-qgħad għal ħaddiema transkonfinali: skont ir-regoli proposti, huwa l-Istat Membru tal-impjieg preċedenti li jkun responsabbli biex iħallas kwalunkwe benefiċċji tal-qgħad jekk dawn il-ħaddiema ħadmu hemmhekk għal 12-il xahar. Madankollu, skont ir-regoli attwali, il-ħaddiema transkonfinali bħalissa jħallsu kontribuzzjonijiet u taxxi lill-Istat Membru fejn jaħdmu. Għal perjodi ta' impjieg ta' inqas minn 12-il xahar ser ikun l-Istat Membru ta' residenza li jħallas il-benefiċċji tal-qgħad.

(iv) Benefiċċji soċjali għal persuni ekonomikament inattivi: f'dan il-każ, il-Proposta għandha l-għan li tikkodifika l-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja skont liema ċ-ċittadini ekonomikament inattivi li jiċċaqilqu minn Stat Membru għal ieħor jista' jkollhom aċċess għall-benefiċċji soċjali biss jekk jissodisfaw il-kundizzjoni ta' residenza legali, kif definit fid-Direttiva dwar il-Moviment Liberu. Madankollu, residenza legali ta' persuni ekonomikament inattivi tirrikjedi li huma jagħtu prova li jkollhom mezzi ta' għajxien suffiċjenti u assigurazzjoni komprensiva fuq is-saħħa. Din il-kundizzjoni ma tapplikax għal persuni li b'mod attiv qed ifittxu impjieg: id-dritt tagħhom ta' residenza fi Stat Membru ieħor hu konferit direttament mill-Artikolu 45 tat-TFUE.

(v) Sigurtà soċjali għall-ħaddiema stazzjonati: Huwa indikat li r-regoli proposti għandhom l-għan li jsaħħu l-għodod amministrattivi relatati mal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema stazzjonati, biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom il-mezzi adatti biex jivverifikaw l-istatus tas-sigurtà soċjali ta' ħaddiema bħal dawn u biex jindirizzaw prattiki inġusti jew abbużi.

(vi) Benefiċċji tal-familja: Il-proposta taġġorna r-regoli dwar allowances tal-liv tal-ġenituri, li jikkumpensaw lil ġenitur għal telf ta' dħul jew salarju matul il-ħin iddedikat għat-trobbija tat-tfal. Il-proposta ma timmodifikax ir-regoli eżistenti dwar l-esportazzjoni tal-benefiċċji tat-tfal. Lanqas hu previst xi indiċjar ta' benefiċċji għat-tfal.

## 3. Ħarsa ġenerali lejn is-sistemi tas-sigurtà soċjali madwar l-UE

3.1. Is-sistemi tas-sigurtà soċjali tipikament ikopru oqsma bħal mard, maternità/paternità, familja, xjuħija, benefiċċji tal-qgħad u benefiċċji simili, u huma r-responsabbiltà esklużiva tal-awtoritajiet nazzjonali. Dan ifisser li kull pajjiż huwa responsabbli għat-tfassil tas-sistema tas-sigurtà soċjali tiegħu. Minħabba dan, il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali li jirċievu ċ-ċittadini madwar l-UE jvarjaw ħafna kemm f'termini ta' benefiċċji riċevuti kif ukoll fil-mod li bih huma organizzati s-sistemi.

3.2. Kwistjoni ta' tħassib serju għall-KESE hija d-distakk kbir fil-prestazzjoni fost is-sistemi tas-sigurtà soċjali f'pajjiżi differenti tal-UE: l-aħjar sistemi jistgħu jgħinu biex ir-riskju ta' faqar jitnaqqas b'60 %, l-anqas effettivi bi 15 % filwaqt li l-medja tal-UE hija ta' 35 % ([1]). Din id-differenza hija parti mir-raġuni għall-kundizzjonijiet soċjali li jvarjaw u li jħabbtu wiċċhom magħhom iċ-ċittadini madwar l-UE. Huwa għalhekk aktar u aktar importanti li l-Istati Membri tal-UE jaqblu dwar il-prinċipji għal sistemi effettivi u affidabbli tas-sigurtà soċjali, kif talab il-KESE fl-Opinjoni tiegħu dwar "Prinċipji għal sistemi tal-benefiċċji soċjali effettivi u affidabbli" ([2]) u f'dik dwar "Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" ([3]). Il-valuri komuni Ewropej u l-iżvilupp ekonomiku jirrikjedu li f'kull Stat Membru jiġu salvagwardati dħul minimu, kura tas-saħħa bażika, għoti ta' servizzi soċjali adatti u parteċipazzjoni soċjali. Dan jista' jgħin biex tissaħħaħ is-solidarjetà fl-Istati Membri kif ukoll jitnaqqsu l-iżbilanċi makroekonomiċi.

3.3. Il-moviment liberu tal-ħaddiema jirrappreżenta waħda mill-erba' libertajiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea b'rabta mal-moviment. Il-KESE huwa tal-fehma li l-moviment liberu tal-ħaddiema għandu jiġi promoss b'mod iżjed effettiv u rispettat fl-aspetti differenti tiegħu, peress li, fil-prattika, din il-libertà ma tkunx possibbli jekk ma jiġux ikkunsidrati d-drittijiet soċjali taċ-ċittadini u l-ħaddiema mobbli abbażi tal-prinċipju tat-trattament indaqs, kif jidher hawn taħt. Il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali hija waħda minn dawn l-aspetti. B'mod ġenerali, l-implimentazzjoni ta' din il-libertà tul is-snin irnexxiet peress li, għal għexieren ta' snin, miljuni ta' ħaddiema li gawdew mill-benefiċċji tagħha saru l-aħjar "ambaxxaturi" tal-moviment liberu tal-ħaddiema.

3.4. Sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-ħaddiema u ċ-ċittadini, tinħtieġ koordinazzjoni iżjed effettiva tas-sistemi tas-sigurtà soċjali sabiex jiġu pprovduti aktar ċarezza u ċertezza rigward il-benefiċċji li huma intitolati għalihom. Għal dan l-għan, l-Unjoni Ewropea għandha regoli biex tikkoordina s-sistemi tas-sigurtà soċjali. Dawn jiddeterminaw liema sistema tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri jiġi kopert minnha ċittadin jew ħaddiem kwalunkwe. Ir-regoli huma maħsubin ukoll biex jevitaw kopertura doppja tal-benefiċċji f'sitwazzjonijiet transkonfinali, u, fl-istess ħin, jipprovdu salvagwardji għall-persuni li jaħdmu f'pajjiż ieħor jew li qed ifittxu xogħol madwar l-UE.

3.5. Għandu jiġi enfasizzat li r-regoli eżistenti huma dwar il-koordinazzjoni, mhux l-armonizzazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali. Ir-regoli jinsabu fir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009. Ir-regoli tal-UE huma bbażati fuq erba' prinċipji:

(i) pajjiż wieħed: persuna hija koperta mis-sistema tas-sigurtà soċjali ta' Stat Membru wieħed biss fi żmien partikolari, sabiex din tħallas il-kontribuzzjonijiet soċjali f'pajjiż wieħed u tirċievi l-benefiċċji minnu.

(ii) trattament indaqs: persuna għandha l-istess drittijiet u obbligi bħaċ-ċittadini tal-pajjiż fejn hija assigurata.

---

([1]) http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=751&langId=mt
([2]) ĠU C 13, 15.1.2016, p. 40.
([3]) ĠU C 125, 21.4.2017, p. 10.

(iii) aggregazzjoni: skont il-każ, meta persuna titlob benefiċċju, jintalbu provi tal-perjodi ta' assigurazzjoni, tax-xogħol jew ta' residenza fi Stati Membri oħrajn (pereżempju, li jagħtu prova li l-persuna tissodisfa perjodu minimu ta' assigurazzjoni meħtieġ skont il-liġi nazzjonali għall-intitolament tal-benefiċċji).

(iv) esportabbiltà: jekk persuna hija intitolata li tirċievi benefiċċju minn Stat Membru, din tkun tista' tirċievi l-benefiċċju anke jekk il-persuna tkun tgħix fi Stat Membru differenti.

3.6. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 ikopru kull persuna li tiċċaqlaq għal Stat Membru ieħor biex tirrisjedi b'mod permanenti jew biex taħdem jew tistudja temporanjament. Dawn jinkludu persuni li jaqsmu l-fruntiera biex jaħdmu. Barra minn hekk, persuni li qegħdin ifittxu xogħol fi Stat Membru ieħor jistgħu jirċievu benefiċċji tal-qgħad mill-Istat Membru tagħhom waqt li jkunu qed ifittxu xogħol għal perjodu speċifikat.

4. **Kummenti ġenerali**

4.1. Fl-2015, madwar 11,3-il miljun ċittadini tal-UE-28 tal-età tax-xogħol (20-64 sena) kienu residenti fi Stat Membru ieħor tal-UE, li 8,5 miljun minnhom kienu impjegati jew qed ifittxu xogħol (Iċ-ċifri b'rabta maż-żewġ aspetti jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor). Dan jirrappreżenta 3,7 % tat-total tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol tal-UE. Fl-UE kien hemm 1,3 miljun ħaddiem transkonfinali (li jaħdmu fi Stat Membru tal-UE li hu differenti minn dak fejn jgħixu). L-għadd ta' ħaddiema stazzjonati kien ta' madwar 1,92 miljun. Dan jirrappreżenta 0,7 % tal-impjieg totali fl-UE, bil-kollokamenti jdumu medja ta' erba' xhur.

4.2. Il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali tiffaċilita l-moviment liberu tal-ħaddiema billi jingħataw benefiċċji lill-ħaddiema u indirettament lill-impjegaturi, kif ukoll għall-ekonomija inġenerali, b'kontribut għat-tkabbir u l-kompetittività. Il-maġġoranza assoluta taċ-ċittadini li huma mobbli fl-UE jixtiequ jtejbu l-għajxien u l-prospetti tax-xogħol tagħhom.

4.3. Mill-perspettiva tal-ħaddiem, id-dritt għax-xogħol fi Stat Membru ieħor mhux biss jipprovdi opportunitajiet ta' xogħol, iżda jiffaċilita wkoll l-iżvilupp ta' ħiliet ġodda, itejjeb l-adattabilità u jarrikkixxi lill-ħaddiem stess permezz ta' esperjenzi ta' xogħol ġodda. Il-moviment liberu tal-ħaddiema jgħin ukoll biex jindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Għandu t-tendenza wkoll li jikkontribwixxi għall-finanzi tas-servizzi pubbliċi fl-Istat Membru ospitanti u jista' jgħin biex itaffi l-piż tat-taxxa li jirriżulta u jpatti għal inqas kontribuzzjonijiet minn popolazzjoni li qed tixjieħ.

4.4. Minn perspettiva makroekonomika, il-mobità tal-forza tax-xogħol tgħin biex jiġu indirizzati disparitajiet bejn l-Istati Membri tal-UE fir-rigward tal-qgħad u tikkontribwixxi għal allokazzjoni aktar effiċjenti tar-riżorsi umani. Ir-riċerka tissuġġerixxi wkoll li l-mobilità fi ħdan l-UE kellha rwol sinifikanti fil-prevenzjoni ta' aktar instabbiltà wara l-kriżi finanzjarja u r-reċessjoni ekonomika.

4.5. Il-mobilità tal-forza tax-xogħol, meta titwettaq f'kundizzjonijiet ġusti, tista' tkun ta' benefiċċju għall-ħaddiema, l-intrapriżi u s-soċjetà kollha kemm hi. Tista' tkun opportunità kbira għall-iżvilupp personali, ekonomiku u soċjali taċ-ċittadini u tal-ħaddiema, u għalhekk għandha tiġi ffaċilitata. Regoli li jiffunzjonaw tajjeb u jkunu ġusti għal dawk li huma mobbli, iżda wkoll għal dawk li mhumiex, huma fatturi importanti għall-aċċettazzjoni politika tal-mobilità. L-għan ta' dan kollu għandu jkun li jintlaħaq bilanċ ġust bejn il-pajjiżi ta' destinazzjoni u l-pajjiżi ta' oriġini.

4.6. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-KESE jemmen li kwalunkwe bidla proposta għandu jkollha l-għan li tiffaċilita l-moviment tal-persuni li qed ifittxu impjieg u tal-ħaddiema, u mhux tirrestrinġih. Il-KESE huwa tal-fehma wkoll li r-regoli tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali għandhom jiffaċilitaw l-aċċess għall-impjiegi għall-persuni b'settijiet ta' ħiliet differenti. It-trattament ugwali bejn il-ħaddiema tal-UE u l-ħaddiema nazzjonali fir-rigward tal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol huwa essenzjali biex jingħelbu l-firdiet soċjali.

5. **Kummenti speċifiċi**

5.1. Rigward is-sistema ta' koordinazzjoni għal ħaddiema tal-fruntiera, il-KESE jieħu nota tal-proposta li r-responsabbiltà għall-ħlas ta' benefiċċji ta' qgħad tgħaddi għall-Istat Membru tal-aħħar attività ta' xogħol, iżda jemmen li l-obbligu li l-individwu jkun ħadem f'dan l-Istat Membru għal perjodu minimu ta' 12-il xahar jista' jillimita l-effetti pożittivi li jirriżultaw minn din il-bidla. Madankollu, il-KESE jirrikonoxxi li l-proposta tippreżenta wkoll sfida għall-Istati Membri li jsiru responsabbli għall-ħlas tal-benefiċċji.

5.2. F'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet li japplikaw għal ċittadini li huma intitolati "jesportaw" il-benefiċċji għall-kura fit-tul meta jmorru barra l-pajjiż, il-KESE huwa tal-fehma li r-regoli l-ġodda jagħtu liċ-ċittadini protezzjoni aħjar f'sitwazzjonijiet transkonfinali. Ir-regoli l-ġodda huma partikolarment rilevanti fid-dawl tat-tixjiħ demografiku u l-promozzjoni ta' indipendenza u mobilità akbar għall-persuni b'diżabbiltà, b'għadd dejjem jikber ta' ċittadini li jiċċaqilqu minn Stat Membru għal ieħor u li jeħtieġu benefiċċji tal-kura fit-tul. Madankollu, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li r-regoli l-ġodda ma jistabbilixxux intitolament ġdid għal kura fit-tul f'kull Stat Membru, għax dan jiddependi mill-eżistenza ta' tali servizzi fil-pajjiż ospitanti.

5.3. Il-KESE huwa tal-fehma li r-regoli l-ġodda ser jiffaċilitaw il-proċedura għall-irkupru ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali mħallsa bla mistħoqq. L-Istati Membri ser ikunu jistgħu jibbenefikaw minn strument uniformi għall-infurzar ta' talbiet għal benefiċċji tas-sigurtà soċjali mħallsa bla mistħoqq u minn proċeduri aktar ċari għal assistenza transkonfinali reċiproka.

5.4. Il-KESE jinnota li l-Proposta għar-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali u d-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema huma t-tnejn rilevanti għall-mobilità tal-forza tax-xogħol. Madankollu, iż-żewġ strumenti jindirizzaw kwistjonijiet distinti. Filwaqt li d-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema tindirizza t-termini u l-kundizzjonijiet inkluża r-remunerazzjoni) tal-impjieg tal-ħaddiema stazzjonati, ir-Regolament dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali għandu l-għan li jiddetermina liema sistema ta' sigurtà soċjali hija applikabbli. Il-proposta l-ġdida ma tibdilx l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, u lanqas tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema. Għalhekk, il-KESE jibża' li r-referenza għad-definizzjonijiet tal-proposta għar-reviżjoni tad-direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema fir-regolament dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, li għandu l-għan li jiffaċilita l-applikazzjoni tagħhom, fil-fatt ser toħloq inqas ċarezza legali fil-prattika. Ir-referenza f'regolament (li jkun vinkolanti u applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha) għal direttiva (li torbot lill-Istati Membri biss fir-rigward tar-riżultat li għandu jinkiseb) tqajjem dubji legali.

5.5. Il-KESE jinnota li jeħtieġ li jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tar-regoli speċifiċi dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward tal-ħaddiema stazzjonati. Dan jinkludi d-determinazzjoni ta' sitwazzjonijiet li fihom għandhom jinħarġu l-formoli A1, elementi li għandhom jiġu verifikati qabel il-ħruġ u l-irtirar meta jiġu kkontestati. Minħabba l-fatt li dawn l-aspetti jistgħu jkunu kruċjali għall-applikazzjoni prattika tal-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, il-KESE huwa mħasseb dwar l-għoti ta' tali setgħat mhux iddefiniti b'mod ċar lill-KE. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon rispons li jingħatalu dwar l-implimentazzjoni ta' din id-delega u wara valutazzjoni tal-impatt tal-proċeduri l-ġodda, peress li l-istazzjonar tal-ħaddiema huwa kwistjoni sensittiva ħafna. Il-KESE huwa mħasseb ukoll dwar l-effett kumulattiv tar-regoli l-ġodda dwar l-istazzjonar, l-emendi tekniċi fir-Regolament dwar is-sigurtà soċjali msemmijin qabel, u dwar l-għadd dejjem jikber ta' inizjattivi nazzjonali biex jikkontrollaw lill-ħaddiema minn pajjiżi oħrajn tal-UE. Il-kumplessità li kulma jmur qed tiżdied permezz tal-kombinazzjoni ta' dawn ir-regolamenti differenti x'aktarx li ser trażżan il-mobilità transnazzjonali u għandha tiġi mmonitorjata mill-qrib fil-livell Ewropew. Barra minn hekk, jeħtieġ ukoll li jiġu rispettati r-regoli tas-sigurtà soċjali marbutin mal-ħaddiema stazzjonati.

5.6. Skont ir-regoli l-ġodda, ħaddiem mobbli tal-UE għandu jaħdem mill-inqas 3 xhur fl-Istat Membru ospitanti qabel ma hu jew hi tkun tista' tikkwalifika għall-benefiċċji tal-qgħad. Il-KESE jqis li din il-proposta tistabbilixxi restrizzjonijiet għall-aċċess għall-benefiċċji tal-qgħad għal ħaddiema mobbli fil-pajjiż ospitanti, meta mqabbel mal-kundizzjonijiet attwali (skont liema huwa biżżejjed li taħdem jum wieħed biss biex il-persuna jkollha dan id-dritt). B'din il-pożizzjoni, il-proposta fil-fatt qed iddewwem "l-aggregazzjoni tal-perjodi" (irrispettivament minn fejn ikun l-aħħar post ta' residenza tal-persuna) li tagħti d-dritt għall-benefiċċji. Minn naħa waħda, dan jista' jaffettwa b'mod negattiv il-motivazzjoni għall-mobilità iżda, min-naħa l-oħra, jista' jagħmel ir-regoli aktar ġusti għall-pajjiżi ta' destinazzjoni.

5.7. Skont ir-regoli l-ġodda proposti, il-perjodu minimu li matulu l-persuni li qed ifittxu impjieg jistgħu jesportaw il-benefiċċji tal-qgħad miksuba minn Stat Membru għal ieħor ser jiġi estiż minn 3 għal mill-inqas 6 xhur, filwaqt li r-regolament attwali jħalli d-deċiżjoni – 3 jew 6 xhur – għall-Istat Membru li jesporta l-benfiċċji. Il-KESE jqis din il-bidla bħala rikonoxximent min-naħa tal-Kummissjoni tad-diffikultajiet biex jinstab xogħol malajr fi Stat Membru ieħor. Madankollu, għall-KESE mhuwiex ċar kif il-proposta biex jiġi estiż iż-żmien għall-"esportazzjoni" tal-benefiċċji tal-qgħad tista' effettivament toffri opportunitajiet ta' impjieg għall-persuni li qed ifittxu impjieg, peress li dan ser jiddependi mis-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol, li tvarja minn pajjiż għal ieħor. Barra minn hekk, il-KESE għandu dubji dwar is-siwi ta' din il-proposta fi żmien fejn il-qgħad, u b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażagħ, għadu għoli f'bosta Stati Membri tal-UE.

5.8. Il-KESE jemmen li r-regoli ġodda proposti ma jindirizzawx in-nuqqasijiet eżistenti ta' sistema ta' sigurtà soċjali kkoordinata li oriġinarjament kienet maħsuba għal Stati Membri li għandhom livelli ta' paritajiet tal-kapaċità tal-akkwist u sistemi ta' sigurtà soċjali relattivament simili. Għalhekk hemm bżonn ta' miżuri aktar effettivi biex tinkiseb konverġenza fir-rigward tat-tul ta' żmien tal-benefiċċji tal-qgħad, l-ammont ta' benefiċċji riċevuti, u l-perjodu ta' aggregazzjoni għall-attivazzjoni ta' benefiċċji tal-qgħad. Din il-konverġenza tkun ta' għajnuna biex ittejjeb u tiffaċilita l-koordinazzjoni tas-

sistemi tas-sigurtà soċjali. Il-kwistjoni ta' kif tista' tintlaħaq din il-konverġenza għandha tiġi kkunsidrata separatament minn din l-opinjoni. Fil-prinċipju, tal-inqas, ir-regoli l-ġodda proposti dwar "l-esportazzjoni" tal-benefiċċji tal-qgħad jipprovdu għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi fil-livelli kollha. Ir-reviżjoni ser tiċċara l-obbligi tas-servizz tal-impjieg fl-Istat Membru ospitanti biex jappoġġja lill-persuni li qed ifittxu impjieg permezz ta' attivitajiet ta' tfittxija ta' impjieg u biex jissorvelja u jirrapporta dwar l-attivitajiet tagħhom lill-Istat Membru responsabbli għall-ħlas tal-benefiċċji tal-qgħad. Madankollu, il-KESE jqis li s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi għandhom jagħmlu aktar biex jappoġġjaw lill-persuni mobbli li qed ifittxu impjieg fit-tiftix ta' impjiegi mhux prekarji, speċjalment minħabba ż-żmien limitat permess biex isibu impjieg, u b'hekk jikkontribwixxu biex tintlaħaq konverġenza akbar kif intqal fil-paragrafu preċedenti.

5.9. Il-KESE jieħu nota tal-fatt li, fil-każ taċ-ċittadini mobbli tal-UE li jiċċaqilqu minn Stat Membru għal ieħor (l-Istat Membru ospitanti) u li mhumiex qed jaħdmu jew ifittxu x-xogħol attivament, ir-regoli l-ġodda proposti jistgħu jagħmlu l-aċċess għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali speċifiċi dipendenti mill-individwu li jagħti prova li hu/hi għandu/ha dritt legali ta' residenza skont il-liġi tal-UE, liema dritt huwa soġġett għall-kundizzjoni ta' mezzi tal-għajxien suffiċjenti u assigurazzjoni komprensiva fuq is-saħħa). Fi kliem ieħor, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Moviment Liberu (id-Direttiva 2004/38/KE). L-Istati Membri għandhom iqisu wkoll il-vantaġġi ta' meta jiġu ospitati ċittadini mobbli b'mod ġenerali, anke dawk li huma inattivi u ma jħallsux għas-sistemi tas-sigurtà soċjali, iżda, b'mod jew ieħor, xorta waħda jispiċċaw jikkontribwixxu għall-ekonomija (u d-diversità kulturali) tal-pajjiż ospitanti.

5.10. Fil-fatt fil-Premessa (5b) tal-proposta tal-KE huwa stipulat li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċittadini mobbli tal-UE ekonomikament inattivi ma jiġux imxekkla milli jkollhom kopertura ta' assigurazzjoni komprensiva tas-saħħa fl-Istat Membru ospitanti. Dan ifisser ukoll li dawn iċ-ċittadini għandhom jitħallew jikkontribwixxu b'mod proporzjonat għal skema għall-kopertura tas-saħħa fl-Istat Membru ospitanti. Il-KESE jappella għal impenn aktar b'saħħtu min-naħa tal-Istati Membri biex jiffaċilitaw din l-għażla.

5.11. Il-KESE huwa tal-fehma li xejn fir-regoli l-ġodda proposti ma għandu jirrestrinġi d-drittijiet fundamentali rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, notevolment id-dritt għad-dinjità tal-bniedem (Artikolu 1), id-dritt għas-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali (Artikolu 34) u d-dritt għall-kura tas-saħħa (Artikolu 35).

5.12. Bħala konklużjoni, filwaqt li jirrikonoxxi li ma tistax tiġi minsija l-ħtieġa għal bilanċ bejn l-Istati Membri ospitanti u dawk li jibagħtu sa fejn jirrigwarda t-tiftix tal-impjiegi, il-KESE jikkonkludi li r-regoli ġodda proposti mhux neċessarjament ser jiffaċilitaw il-moviment ta' persuni li jfittxu impjieg. L-aktar segmenti fraġli u dgħajfa tas-soċjetajiet Ewropej ser jibqgħu vulnerabbli daqs kemm huma llum, l-istess kif ser jissoktaw id-diviżjonijiet soċjoekonomiċi bejn l-Istati Membri tal-UE u fi ħdanhom.

Brussell, il-5 ta' Lulju 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS